# Graffiti fil-Knisja ta' Santu Rokku f'Ħal Balzan

Anton Camilleri

Fl-1983, fi żmien it-tmexxija tal-Kappillan Dun Tarċisju Delicata (1881-1991), għadd ta' rġiel u żgħażagħ Balzanin, li kellhom għal qalbhom il-patrimonju tar-raħal, daħlu għal biċċa xogħol, dik li jirrestawraw il-knisja żgħira ta' Santu Rokku. Ir-restawr kien jitlob it-tneħħija tal-ġir li kien inġabar matul is-snin, biċċa xogħol ta' paċenzja kbira u attenzjoni. Meta x-xogħol beda miexi sewwa, minn taħt it-tibjid bdew jitfaċċaw numru ta' graffiti, fosthom xwieni ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann, pala ta' id, slaleb ta' kull daqs u għamla, u graffiti oħra li ma tantx jintgħarfu.

Il-knisja ta' Santu Rokku kienet l-aħħar waħda li nbniet biex tgħaqqad il-grupp ta' tliet knejjes. Meta bejn l-1592 u l-1593 Malta ntlaqtet mill-pesta, li fiha mietu mat-3,800 ruħ, il-Balzanin għamlu wegħda mal-qaddis protettur kontra l-pesta, li jekk jeħlishom jibnulu knisja, kif fil-fatt għamlu. Bnewha fl-1593 fiċ-ċimiterju li kien hemm mal-knisja tal-Lunzjata, kif tixhed skrizzjoni minquxa ma' waħda mill-ħnejjiet tas-saqaf *M.S.S. Hoc opus fecit 1593*. Skont il-vista pastorali tal-Isqof Gargallo, li għamel f'din il-knisja fl-4 ta' Diċembru 1601 hu jikteb, li din kienet għada kif inbniet, bi flus in-nies tar-raħal. Il-knisja, b'qisien ta' seba' metri tul u tliet metri u nofs wisa', fiha artal wieħed tal-ġebel, bi kwadru ddedikat lill-qaddis. Ir-restawr kien inawgurat fis-16 ta' Awwissu, 1985 biex b'hekk il-knisja bdiet tinfetaħ għall-pubbliku, wara żmien mitluqa.[1]

Mill-graffiti ta' mal-ħajt dak li l-iżjed li jingħaraf hu ta' galera kapitana tal-Ordni, dettaljata sewwa, li qiegħda mal-ħajt tax-xellug int u dieħel fil-knisja. Il-galera kien ġifen li kellu bejn żewġ u tliet arbli bi qlugħ Latin, u minn xi daqqiet ukoll bi qlugħ kwadru. Il-galera kapitana kienet ftit ikbar mill-galeri l-oħra, għax kienet hi li tmexxi l-iskwadra ta' galeri, speċi ta' *flagship*, u għax fuqha kien ikun hemm il-ġeneral jew il-kaptan tal-flotta. Fl-aqwa żmien tagħhom il-galeri kienu joħorġu jħuffu fil-Mediterran, biex jaraw x'ser jaħtfu u jġibu l-priża lejn il-gżejjer Maltin. Fil-kapitlu ġenerali tal-1558 issemmiet il-ħtieġa li l-Ordni jkollha skwadra ta' ħames galeri li kienu ssemmew għal San Giovanni, San Giacomo, San Gabriele, Santa Marta u l-Corona. Meta fetaħ l-istaġun tat-tbaħħir fl-1628, fi żmien it-tmexxija tal-Gran Mastru Alof de Wignacourt (1601-1622), l-iskwadra żdiedet b'galera oħra. Dak iż-żmien il-galeri kienu San Giovanni, San Pietru, San Carlo, Santa Maria, Santa Rosalia u Sant'Antonio. Iżda lejn is-seklu 18 il-galera ma baqgħatx tintuża aktar, għax għalkemm kienet ħafifa u mexxejja ma baqgħatx ta' saħħa għal kontra l-kanuni tal-bastimenti tal-gwerra, li bdew jinbnew.[2]

Mid-dettalji li fiha jidher, li min naqqax din il-kapitana mal-ħajt tal-knisja, kien midħla sewwa tagħha jew kien jaħdem fuqha, tant li naqqax ukoll l-istandart bl-arma tal-Gran Mastru Alof de Wignacourt, quddiem il-kabina tal-poppa. Jidhru wkoll il-qlugħ marbuta mal-antenni, bl-imqaddef f'posthom, u fuq il-poppa naqqax fanal kbir li juri l-unur li kienet tgawdi, meta fuqha kien jimbarka l-ġeneral tal-iskwadra tal-galeri. Fil-graffit tidher ukoll ir-rambata bin-nies fuqha. Din kienet speċi ta' pjattaforma fil-pruwa tal-mirkeb, li minn fuqha s-suldati u l-baħrin kienu jaqbżu għal fuq il-mirkeb tal-għadu. Qrib ir-rambata jidhru numru ta' nies, bħalma jidhru wkoll l-arkużin ħdejn l-arblu tal-majjistra, u l-kappillan bis-salib f'idu x-xellugija, u bix-xabla fil-leminija.[3]

L-arbli jidhru dettaljati ħafna, fejn jidhru sew il-ħbula mal-antenni flimkien ma' żewġ pendenti. Il-pendent kien għamla ta' bandiera tawwalija, li tintuża bħala sinjal jew bħala tiżjin. Mal-ġenb tal-kapitana tidher dgħajsa żgħira, li aktarx li hi felukka ċerimonjali tal-ġeneral tal-galeri. Biss din ma jidhirx li għandha arblu kif soltu kien ikollha.

Fl-istess knisja, fuq il-lemin, jinsab graffit iżgħar mill-ieħor, li wkoll juri galera kapitana tal-Ordni. Min għamilha wkoll kien jaf x'inhu jagħmel, għax pinġa kollox bi proporzjon u dettal, u bħal min għamel l-ewwel waħda, jidher li kien midħla tagħha sewwa. Graffit ieħor fl-istess knisja hu dak ta' pala tal-id. Skont is-Sur Ġużeppi Muscat, espert f'dan il-qasam, il-graffit ta' pala tal-id merfugħa 'l fuq, tista' tfisser talba lil Alla, iżjed u iżjed meta dawn jinsabu mal-ħitan tal-knejjes.

Graffiti oħra li ma jingħarfux, iżda li juru li huma graffiti marittimi jinsabu fil-knisja ż-żgħira tal-Lunzjata, li tinsab maġenb dik ta' Santu Rokku. Meta Ħal Balzan sar parroċċa din kienet tintuża bħala parroċċa. Jidhru li huma graffiti marittimi





għax jingħarfu mill-biċċiet tal-arbli u antenni, kif ukoll minn biċċa xini bl-imqadef.

Il-graffiti li nsibu fuq ġewwa jew barra tal-ħitan ta' bini sagru, għandhom tifsira ta' wegħda, speċi ta' *ex voto*. L-*ex voto* hu forma ta' kwadru tal-wegħda, kif insibu f'bosta knejjes fil-gżejjer Maltin, bħalma hemm fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba f'Malta, jew f'dak tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex. Dawn kienu jsiru b'radd ta' ħajr lil Alla tal-grazzji li jkunu nqalgħu, meta jkunu nħelsu minn xi saram. Min ma' setax jonfoq flus biex jagħmel *ex voto*, jew jagħti xemgħa, kien iħażżeż hu fuq il-ħajt ta' post sagru l-*ex voto* tiegħu.[4]

Min għamel iż-żewġ galeri fil-knisja ta' Santu Rokku, żgur li kellu xi konnessjoni mal-baħar, biex pinġa f'tant dettal dawn il-graffiti. Jidher li kien xi ħadd li għamel wegħda li jekk jinħeles minn xi għawg, jagħmel dawn l-*ex-voto*. Seta' kien xi baħri fuq wieħed mix-xwieni tal-Ordni jew il-kaptan stess, li nqabad fit-taqbid mal-Misilmin, xi ħaġa li kienet komuni għal dawk iż-żminijiet. Il-ġrajja, jekk dan hu l-każ, jidher li seħħet fi żmien il-Gran Mastru Wignacourt peress li jidher l-istandard tiegħu. F'dan iż-żmien il-flotta tal-Ordni kellha numru ta' suċċessi fl-ispedizzjonijiet navali li kienet tagħmel. F'dawn is-suċċessi mhux darba jew tnejn li l-baħrin u s-suldati kellhom jaqbdu l-armi, biex jiddefendu lilhom infushom. Dan jidher li kien il-każ tal-graffit li hemm fil-knisja ta' Santu Rokku.[5]

Mal-wasla tal-Ordni f'Malta ix-xogħol marbut mal-baħar żdied, l-iżjed għan-nies fis-sengħa tat-tbaħħir. Bosta rġiel sabu mpjieg fuq ix-xwieni tal-Ordni, fost dawn kien hemm ukoll numru ta' rġiel Balzanin, anke jekk Ħal Balzan hu mbiegħed mill-portijiet. Każ partikulari hu dak li ġara fl-1707, meta l-kavallieri kienu bagħtu għajnuna lill-Ispanjoli assedjati fil-belt ta' Oran fl-Alġerija. Wara ħafna taqbid it-Torok ħatfu l-Belt bil-fortifikazzjonijiet tagħha, u bosta Maltin, kavallieri, u suldati Spanjoli spiċċaw priġunieri. Fost dawn kien hemm Marozzo Borg minn Ħal Balzan, li kien qiegħed fuq il-galera San Giacomo. Waqt li ħafna minnhom, fosthom il-kavallieri biż-żmien inħelsu, Borg u ħafna oħrajn qatt iżjed ma raw l-art twelidhom. Balzani ieħor li kien jaħdem fuq ix-xwieni tal-Ordni kien Bastjan Psaila, li xortih kienet iżjed tajba minn tal-ewwel, għax miet f'art twelidu fid-19 ta' April, 1664.[6]

Każ ieħor ta' Balzani li aktarx kien jaħdem fuq ix-xini Santa Maria kien il-'confessore' Dun Mario Said. Għedt aktarx, għax meta dan miet fis-26 ta' Mejju, 1719 fis-Sagra Infermerija, il-prokuraturi li kienu jieħdu ħsieb il-ħajja spiritwali tal-ekwipaġġ tax-xini Santa Maria, kienu ħallsu biex isir numru ta' quddies għal ruħu. Dun Mario twieled f'Ħal Balzan fl-1671, u jidher imniżżel mal-kleru Balzani fl-1699. Jidher li hu kien kappillan tal-ubbidjenza fuq dan ix-xini, għalhekk il-prokuraturi kienu offrew il-quddies għal ruħu.[7]

**Noti u Referenzi**

1 Ġ. Dimech, *Ħal Balzan – ġrajjietu sal-1999*, Kunsill Lokali Balzan, 2004
2 C. Briffa, *Dizzjunarju tal-Kullana Kulturali*, Kullana Kulturali Nru 73, PIN, 2010
3 Kien hemm żewġ gradi ta' kappillani, dawk konventwali, u dawk tal-ubbidjenza. Tal-ewwel, li kellu l-grad ta' kavallier, kellu l-obbligu bħal kavallieri novizzi l-oħra li joħroġ fuq ix-xwieni kontra l-Misilmin. Il-kappillan tal-ubbidjenza kien ikun qassis Malti, li kien jitqabbad minn dak konventwali biex imur hu minfloku fuq ix-xwieni, u ta' dan kien jitħallas. Dan seta' jiġri meta l-kappillan konventwali ma kienx irid, jew ma setax imur fuq ix-xwieni.
4 J. Muscat, *Il-Graffiti Marittimi Maltin*, Kullana Kulturali Nru. 36, PIN, 2002
5 V. Zammit, *Il-Gran Mastri: Ġabra ta' tagħrif dwar l-istorja ta' Malta fi żmienhom 1530–1680*, Vol. 1, Valletta Publishing, 1992
6 A. Quintano, *The Maltese-Hospitaller sailing ship squadron 1701-1791*, PEG, 2003
7 Ġ. Dimech, *Ħal Balzan – ġrajjietu sal-1999*, Kunsill Lokali Balzan, 2004